MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT MANGION**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 87/2012

**A B**
**vs**
**C D f' isimha proprju**
**u kif ukoll fl-interess tal-minuri E D**
**u Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

**Preliminari,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-attur A B kellu relazzjoni intima mal-konvenuta C D mil-liema relazzjoni twieldet tifla bl-isem ta' E D;

2. Illi kif jirrizulta mic-Certifikat tat-Twelid li jgib in-numru progressiv ta' registrazzjoni 1476/2009 li qieghed jigi esebit, anness u mmarkat Dok. A, fil-15 ta' Dicembru

2008 il-konvenuta welldet tarbija ta' sess femminili bl-isem ta' E D u l-attur sar jaf b' dan ghaliex kienet il-konvenuta stess li nfurmatu bit-twelid tal-wild;

3. Illi jirrizulta kjarament illi l-wild hija t-tifla biologika ta' l-attur u dan kif ser jirrizulta mit-testijiet tad-DNA u dan wara li dina l-Onorabbli Qorti tordna tali prosegwiment tat-testijiet;

4. Illi cioe' nonostante t-tarbija fl-Att tat-Twelid, Dokument 'A' tidher registrata taht "unknown father";

5. Illi l-attur permezz ta' din il-kawza qieghed jitlob sabiex tigi sostitwita l-parti fejn tindika "unknown father" u tigi mibdula biex tindika lill-attur bhala l-missier bijologiku tal-minuri E D;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-attur huwa l-missier bijologiku tal-minuri E D u bint il-konvenuta C D.

2. Tordna lill-konvenut u cioe' lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jeffettwa l-korrezzjonijiet kollha necessarji w opportuni fl-Att tat-Twelid ta' l-imsemmi E D li jgib in-numru progressiv ta' registrazzjoni 1476/2009 u jaghmel dawk l-annotamenti necessarji fl-istess Att tat-Twelid sabiex fil-parti fejn tindika "unknown father" tigi mibdula sabiex tinqara bl-isem ta' l-attur u cioe' A B, kif ukoll jigu nkluzi l-konnotati ta' l-attur fuq l-imsemmi Att fil-parti fejn taqra: "Taghrif dwar isem u kunjom missier it-tarbija", "Professjoni, sengha jew stat iehor", "eta", "fejn twieled", "fejn joqghod", u "isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet" u kull dettal iehor li tordna din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici u l-elenku tad-dokumenti.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku li permezz taghha sottometta:-

1. Illi preliminarjament din l-azzjoni tidher li hija intempestiva ghaliex ma kinitx preceduta minn ittra ufficjali kif hekk jirrikjedi l-Artikolu 86 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi preliminarjament l-esponent jistqarr li hu m' huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x' jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-risultanzi istruttorji ghalkemm f' dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernati sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi bla hsara ghall-premess f' kaz li tintlaqa' l-ewwel t-talba attrici l-esponenti jinvita lill-intimat A B sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument ta' l-identita', (3) l-eta' tieghu meta twieldet il-minuri E, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta' residenza tieghu meta twieldet l-imsemmija minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kien ghadu haj meta twieldet it-tifla E. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-imsemmmi E bin-numru ta' registrazzjoni 1476 tas-sena 2009;

4. Illi bla pregudizzju ghas-suespost il-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b' mod definittiv liema kunjom ghandu jassumi l-minuri Liam a tenur tal-Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent m' hijix attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m' ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur.

Rat l-atti kollha.

Rat li fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2012 l-attur u l-konvenut Direttur iddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi u talbu li l-kawza tithalla ghas-sentenza.

Rat li l-konvenuta C D, nonostante li giet notifikata ( a tergo fol.16) ma pprezentatx risposta guramentata u ghalhekk waqghet kontumaci.

Ikkonsidrat.

**PROVI.**

L-attur ipprezenta certifikat tat-twelid tal-minuri E D minn fejn jirrizulta li twieldet fil-15 ta' Dicembru 2008 mill-konvenuta C D izda l-missier huwa indikat bhala 'mhux maghruf'. Huwa spjega li ir-relazzjoni mal-konvenuta C D kienet ghall-perijodu qasir u li kienet il-konvenuta stess li informatu li kienet weldet tifla u li hu kien il-missier. Fil-fatt talbitu jaghmel id-DNA test

Huwa u l-minuri ghamlu id-DNA Paternity Test kondott mis-Sur Paul Sultana u Dr Marisa Cassar li b'affidavit tat-3 ta' Ottubru 2012 ikkonfermat li l-probabilita' li l-attur A B huwa l-missier naturali tal-minuri E D hi ta' 99.9948%.

**KONSIDERAZZJONIJIET**.

Il-fondament legali tal-kawza odjerna huwa l-artikolu 86 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi:-

"It-tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ jista' jiġi magħruf mill-missier u mill-omm, sew mit-tnejn flimkien kemm ukoll separatament:

Iżda meta l-persuna li tagħraf ruħha bħala missier it-tifel hija minuri, it- tagħrif li tagħmel din il-persuna huwa null:

Iżda wkoll it-tagħrif ta' tifel imwieled barra miż-żwieġ minn persuna li tgħid li tkun missier it-tifel, li jsir separatament mill-omm, ma jkollu ebda effett u ma jiġix reġistrat kemm-il darba omm dak it-tifel, jew il-werrieta tagħha jekk hija tkun mejta, u t-tifel innifsu jekk ikun laħaq l-età, ma jkunux ġew notifikati b'ittra uffiċjali minn persuna li jkollha interess li fiha jkun hemm dikjarat li dik il-persuna tkun bi ħsiebha tapplika għar-reġistrazzjoni ta' dak it-tagħrif u l-omm, jew il-werrieta tagħha skont il-każ, u t-tifel, ma jkunux fi żmien xahrejn minn dik in-notifika permezz ta' nota preżentata fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali, qablu li ssir dik ir-reġistrazzjoni, f'liema każ dik l-ittra uffiċjali u n-nota li turi l-qbil għandhom jiġu notifikati lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li għandu jgħaddi biex jirreġistra l-imsemmi tagħrif fl-atti tal-istat civili relattivi:

Iżda meta l-omm jew it-tifel li jkollu l-età ma jkunux kif hawn qabel imsemmi jaqblu ma' dik ir-reġistrazzjoni jew jibqgħu ma jweġbux fiż-żmien ta' xahrejn fuq imsemmi, kull min ikollu interess jista' jmexxi b'rikors quddiem il-qorti kompetenti kontra l-persuna jew il-persuni li ma jkunux hekk qablu, biex il-qorti tiddikjara li min jagħmel it-tagħrif ikun missier it-tifel u tordna r-reġistrazzjoni ta' dak it-tagħrif fl-atti tal-istat ċivili relattivi."

Fl-ewwel eccezzjoni tieghu id-Direttur tar-Registru Pubbliku sostna li l-kawza odjerna hija intempestiva ghaliex l-attur ma kienx ippreceda l-kawza b'ittra ufficjali kontra l-omm sabiex ikollha zmien xahrejn tiddikjara b'nota jekk taqbilx jew le.  Jirrizulta mill-atti li effettivament fis-17 ta' April 2012  l-attur pprezenta ittra ufficjali kontra l-kovenuta D u dan kontestwalment mal-prezentata tar-rikors guramentat liema ittra ufficjali pero' baqghet ma gietx notifikata lil C D.

Ghalkemm huwa minnu li l-ligi tesigi l-prezentata ta' ittra ufficjali qabel il-pretiz missier naturali jintavola kawza biex jigi rikonoxxut bhala missier il-minuri, jidher li l-hsieb tal-Legislatur wara l-artikolu fuq citat kien li fejn hemm qbil bejn l-omm u min jippretendi li hu l-missier, jigi evitat li l-kaz jitressaq il-Qorti u minflok jiehu l-forma ta' procedura aktar amministrattiva milli wahda gudizzjarja.    Fil-kaz

odjern l-ittra ufficjali mhux biss ma gietx pprezentata zmien qabel il-kawza izda lanqas giet notifikata lill-konvenuta.

Fil-fehma tal-Qorti per' ma hemmx ragunijiet gravi li ghandhom iwasslu li l-kawza tigi dikjarata intempestiva in kwantu irrizulta li nonostante li l-konvenuta ilha notifikata bir-rikors guramentat sa mit-22 ta' Mejju 2012, hija mhux biss ma pprezentatx risposta guramentata izda lanqas qatt dehret f'dawn il-proceduri.

Ghall-ekonomija tal-gudizzju u a skans ta' spejjez il-Qorti hi tal-fehma li n-nuqqas ta' notifika tal-ittra ufficjali m'ghandux ikun ta' xkiel ghall-prosegwiment tal-kawza odjerna tenut kont li l-konventua ilha notifikata bir-rikors guramentat sa mit-22 ta' Mejju 2012 u baqghet ma dehritx.

Il-Qorti tinnota li l-attur baqa' ma pprezentax b'nota id-dettalji indikati fit-tielet paragrafu tar-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku u ghalhekk dwar dan ser tipprovdi aktar 'l isfel.

Fil-mertu, ix-xhieda ta' Dr Marisa Cassar korroborata mit-testijiet genetici u xjentifici, ma thalli l-ebda dubju li l-attur huwa effettivament il-missier naturali tal-minuri E D.

**Decide**.

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara lill-attur A B bhala l-missier bijologiku tal-minuri E D.
2. Tilqa' t-tieni talba u tordna li fl-Att tat-Twelid tal-minuri E D li jgib in-numru progessiv ta' registrazzjoni 1476/2009 jigu kancellati il-kliem "unknown father" u sostitwiti bl-isem "A B" u jitnizzlu d-dettalji kollha tieghu.
3. Tordna lill-attur sabiex fi zmien gimgha millum jipprezenta b'nota f'dawn l-atti id-dettalji kollha indikati fit-tielet paragrafu tar-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku.

4. Tikkundanna lill-attur u lill-konvenuta C D ihallsu nofs kull wiehed l-ispejjez tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------